MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA
U GVERN LOKALI

MALTA

MINISTRY FOR JUSTICE
AND LOCAL GOVERNMENT

Dipartiment tal-Kunsilli Lokali

Local Councils Department

LCD 79/94/2/ Vol II

27 ta' Diċembru 2001

Lis-Sindki u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

## Memo 37/2001

### Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ

Qed nehmez l-Att Numru XXVII ta' l-2001 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ li għandu jibda jseħħ f'dik id-data jew dati li l-Ministru responsabbli għall-Kummerċ jista' jistabilixxi b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-għan ta' dan l-Att hu biex titwaqqaf awtorita' regolatorja għall-Kummerċ u biex jittrasferixxi mill-Pulizija lil dik l-awtorita' l-liċenzji kollha li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-ordni pubbliku jew is-sigurta'. Meta bis-saħħa ta' xi liġi oħra, attivita' kummerċjali tkun diga' regolata u jkollha liċenzja maħruġa minn xi awtorita' kompetenti, dik il-liċenzja kummerċjali ma tkun teħtieġ ebda liċenzja oħra taħt dan l-att. Il-liċenzji li qabel kienu jinġabru għan-nom tal-Pulizija issa b'effett mill-1 ta' Jannar 2002 se jinġabru għan-nom ta' l-Awtorita' kompetenti.

Fost ħwejjeġ oħra nixtieq niġbed l-attenzjoni għall-Taqsima VI ta' l-Att, paġna 1872, dwar Attivitajiet li jenħtieġu permess mill-Kunsill Lokali. Dwan l-attivitajiet huma ta' xorta okkażjonali li jsiru f'xi triq mnejn jgħaddi l-pubbliku f'xi ġurnata jew ġranet speċifici. Qed jitfasslu Regolamenti biex jipprovdu l-kriterji, l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal dawn il-liċenzji. F'dawn il-kazijiet id-drittijiet li jitħallsu jinzammu mill-Kunsilli Lokali.

CHATEAU DE LA VILLE, 21, TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA CMR 02
TEL: 226534/5/6 FAX: 224904

Nagħmel ukoll referenza għall-emendi relattivi għall-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap 10), estratt ta' artikolu 25 u 29 huma mehmuża. Hadd ma jista' jiftaħ trinek fil-bankini u t-toroq mingħajr il-liċenzja tal-Kunsill Lokali tal-lokalita'. Qed jitfasslu ukoll Regolamenti għal dan il-għan.

Jiena nzommkhom infurmati b'aktar żviluppi fuq din il-materja.

Inselli għalikom.

Victor J. Rizzo
Direttur (Kunsilli Lokali)

c.c Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)
Awditur Ġenerali